Imħallfin:

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *A/President*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Nobbli Charles Saint Fournier ne. *versus* Dr. Alfredo Mercieca et. ne.**

**Rogatorji — Spejjeż — Kuraturi "ex officio".**

***Id-deputa tal-kuraturi "di ufficio" għandha titqies magħmula għal benefiċċju ta' min jitlobha; u l-azzjoni diretta tal-kuraturi għall-indennizz u l-onorarju tagħhom ma hix kontra l-persuna fiżika jew morali rappreżentata, imma kontra min talab id-deputa tagħhom. Jekk il-kuraturi konvenuti jitolbu li ssir xi prova per mezz ta' ittri rogatorjali, u l-Qorti takkorda t-talba tagħhom għax issib li dik il-prova hija indispensabili u li ma tistax issir b'mezzi oħra, allura l-kuraturi għandhom id-dritt li jitolbu li l-persuna li talbet id-deputa tagħhom tagħmel id-depożitu ta' l-ispejjeż meħtieġa biex issir il-proċedura tar-rogatorji.***

Il-Qorti — Fuq ir-rikors tal-konvenuti kuraturi, preżentat quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fuq imsemmija, li bih talbu l-prova per mezz ta' rogatorji, u li jigi ordnat lill-attur nomine li jagħmel depożitu għand ir-Reġistratur ta' somma biex tagħmel tajjeb għal dawn il-proċeduri;

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fid-19 ta' April 1950, li bih laqgħet it-talba għar-rogatorji u pprefiġġiet lill-parti kuntrarja żmien għoxrin ġurnata għall-finijiet ta' l-art. 616 Kap. 15, u rriżervat tagħti d-digriet finali wara għeluq dak it-terminu;

U kwantu għat-talba tad-depożitu ordnat lill-attur nomine jagħmel, żmien tmint ijiem, f'idejn ir-Reġistratur, depożitu ta' somma li fil-ġudizzju ta' l-istess Reġistratur titqies adegwata għall-każ; spejjeż riżervati; wara li kkunsidrat;

Illi l-Qorti tirritjeni l-prova offerta "indispensabili" fis-sens tal-liġi (art. 613 Kap. 15)—"Rex vs. Dalli" 4 ta' Mejju 1916. Ma hemmx mezz li l-prova ssir xort'oħra ħlief bl-interrogatorji;

Illi "rebus sic stantibus" l-Avukat Dottor Alfredo Mercieca u l-Prokuratur Legali Giuseppe Pace Bonello qegħdin jidhru bħala kuraturi ta' l-elenku, u mhux bħala difensuri ta' fiduċja inkarikati mid-dar ta' barra; u anki jekk huma qegħdin

in korrispondenza mad-dar ta' barra minnhom rappreżentata. b'daqshekk huma ma għandux blief id-dover lilhom impost mill-liġi li jieħdu ħsieb l-interessi lilhom fdati taħt piena ta' danni u nteressi (art. 935, Kap. 15); u ċertament il-kuratur għandu jieħu l-istruzzjonijiet mingħand ir-rappreżentat tiegħu;

Illi huwa paċifiku (ara sentenza Prim'Awla "Dr. Grech vs. Vigo", 7 ta' Ġunju 1926; "Bonnici vs. Cutajar", 6 ta' Ġunju 1928; u Appell Inferjuri Ċivili "Dr. Borg Olivier vs. Falzon" 14 ta' Novembru 1936), li d-deputa ta' kuraturi "di ufficio" għandha titqies magħmula għall-benefiċċju u għas-spejjeż ta' min jitlobha, u li l-azzjoni diretta tal-kuraturi għall-indennizz u għall-onorarju tagħhom ma hijiex kontra l-persuna fiżika jew morali rappreżentata, imma kontra min għamel l-istanza għad-deputa tagħhom. B'dan il-mod, kif ġie osservat mill-Imħallef Dr. Buhagiar fl-ewwel sentenza ċitata, ġie konċiljat il-vantaġġ li jistgħu jsiru l-proċeduri kontra assenti, eċċ., u intant jiġu adegwatament difiżi l-interessi ta' l-istess assenti, eċċ.;

Illi għalhekk għall-ispiża tar-rogatorji l-kuraturi jkunu dejjem jistgħu in definitiva jirrivolġu ruħhom kontra l-attur nomine, li talab id-deputa tagħhom;

Rat ir-rikors quddiem il-Qorti ta' l-attur nomine, li talab li l-imsemmi digriet, in kwantu ordnalu biex jiddepożita s-somma stabbilita mir-Reġistratur fi żmien tmint ijiem, jiġi revokat, u t-talba tal-konvenuti biex l-attur jiddepożita l-ispejjeż imsemmija tiġi riġettata, u in kwantu ammetta l-proċedura tar-rogatorji konfermat; bl-ispejjeż kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Dr. Alfredo Mercieca u P.L. Giuseppe Pace Bonello ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw f'dina l-kawża l-assenti Giuseppe Pirozzi bis-saħħa tad-dispożizzjoni ta' l-art. 933 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dawn il-kuraturi għandhom l-obligu espress li "jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża ta' l-interessi li għalihom ikunu jidhru, u jwieġbu għad-danni u l-ingħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom" (art. 935 ta' dak il-Kodiċi);

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie rilevat fid-digriet appellat, anki in bażi għas-sentenzi hemm ċitati, in-nomina ta' l-imsemmijin kuraturi "ex officio" għandha tiġi magħmula għall-beneficcju u għas-spejjeż ta' min jitlobha, li huwa tenut iħallsilhom l-ispejjeż u d-drittijiet tagħhom. L-appellant ma jidherx li qiegħed jikkontesta dan l-obligu tiegħu, iżda jsostni li bid-depożitu li huwa ġie ordnat jagħmel ġie derogat il-prinċipju li l-partijiet fil-ġudizzju għandhom iġibu quddiem il-Qorti l-provi tal-fatti li jallegaw; u jkompli jgħid li "naturalment dan għandu isir a spejjeż tagħhom";

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie rilevat bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Ġunju 1926 in re "Dr. Emmanuele Grech vs. Giorgio Vigo" (Kollez. Vol. XXI—II—298), "la caratteristica medesima di un incarico conferito da altri che non sia la persona interessata medesima basta da sola a dimostrare che l'istituzione dei curatori d'ufficio è una istituzione "sui generis", essendo essa una istituzione intesa a rendere possibile le procedure contro incapaci ed assenti non legalmente rappresentati, conciliando la facilitazione che in tal guisa si dà a chi voglia agire col diritto della difesa dell'interesse del soggetto passivo di quelle procedure; cosicchè imponendo pure la legge la rappresentanza dell'interesse della persona contro cui si voglia procedere, essa mira a facilitare le procedure a chi, qualificandosi creditore, avanza la domanda perchè si provveda alla rappresentanza dell'incapace o dell'assente non rappresentato, contro cui altrimenti egli non potrebbe esercitare i diritti procedurali per il riconoscimento e per la esecuzione dei suoi diritti; e pertanto diviene logico che la deputa di tali curatori di ufficio debba intendersi fatta a spese di chi la domanda, e che conseguentemente l'azione diretta spettante ai curatori per conseguire i loro indennizzi ed i loro onorari non è già contro la persona rappresentata, ma contro la persona che ha fatto l'istanza per la nomina di essi curatori; salva, ben inteso, l'azione indiretta contro il rappresentante medesimo qualora questi fosse a rimanere soccombente nelle spese";

Meta r-riljevi fuq imsemmijin jiġu akkoppjati ma' l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 935, li timponi lill-kuraturi l-

obligu li jiehdu ħsieb l-interessi tal-persuna minnhom rappreżentata taħt piena ta' danni u nteressi fil-każ ta' negligenza, kif ukoll mal-fatt mhux kontestat, anzi ammess mill-appellant, li l-prova offerta per mezz tar-rogatorju hija indispensabili fissens tal-liġi, kif espressament dikjarat fid-digriet appellat, iddepożitu tar-rogatorji ordnat mill-Ewwel Qorti jidher ġustifikat. Infatti, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, b'dak id-depożitu l-appellant nomine ma ġiex preġudikat, billi l-kuraturi, tkun kif tkun id-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż, għandhom dejjem iddritt kontra tiegħu għall-ħlas ta' l-ispejjeż u tad-drittijiet tagħhom; u raġunijiet ta' ekwità jissuġġerixxu li l-ispiża rilevanti għar-rogatorji ma għandhiex tiġi antiċipata mill-kuraturi;

Kwantu għall-perikolu ta' abużi li l-appellant, fir-rikors tiegħu quddiem din il-Qorti, jallega li għalihom jista' jwassal il-prinċipju nvolut fid-deċiżjoni appellata, jingħad li dawn il-Qrati dejjem qagħdu wisq attenti biex dak il-perikolu jiġi skonġurat, u ma ħasbuhiex darbtejn biex jikkundannaw lill-kuraturi jħallsu l-ispejjeż "in testa propria" meta dehrilhom li l-aġir tagħhom kien inġustifikat u abużiv;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma fil-kap devolut lil din il-Qorti d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fid-19 ta' April 1950, b'dan li t-terminu ta' tmint ijiem għandu jibda igħaddi mil-lum. L-ordni li l-ispejjeż relattivi, minħabba n-novità tal-kwistjoni nvoluta, ma jiġux tassati bejn il-partijiet; iżda d-dritt tar-reġistru għandu jitħallas mill-appellant nomine.